**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 159**

It-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti kienu msiefra fuq xogħol tal Gvern.

L-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Omar Farrugia kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Stephen Spiteri kienu skużati.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said u s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 158 li saret fit-23 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

**PETIZZJONI**

L-Onor. Ian Vassallo ppreżenta petizzjoni ffirmata min-numru ta' persuni mill-akkwati tal-Imġarr, Malta biex issir konsultazzjoni pubblika għal sistema aħjar ta' traffic management fi Triq Sir Temi Zammit fl-Imġarr u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:-

| | |
|---|---|
| P.L. 2392 | Petizzjoni ffirmata minn 748 persuna li joqogħdu fl-akkwati tal-Imġarr biex issir konsultazzjoni pubblika bejn ir-residenti tal-Imġarr u l-awtoritajiet konċernati, biex tiġi diskussa sistema aħjar ta' traffic management fi Triq Sir Temi Zammit - Imġarr. |

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2393 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Carmelo Abela u tal-Onor. Graziella Attard Previ fil-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar il-Koordinazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Ambaxxati tal-Unjoni Ewropea għad-Drittjiet tal-Bniedem f'Pajjiżi Terzi, li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew f'Brussell, fid-19 ta' Lulju 2023; u

P.L. 2394 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Amanda Spiteri Grech u tal-Onor. Alex Borg fil-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Komuni Estera u ta' Sigurtà, u dwar il-Politika Komuni ta' Sigurtà u Difiża tal-Unjoni Ewropea, li nżammet ġewwa Madrid, Spanja, fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2023.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11008 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2395 Tabella li turi rendikont tan-nefqa b'rabta mas-summit tal-Med 9, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12353;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2396 Tabella li turi statistika dwar il-qatla fil-biċċeriji tal-Gvern kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, fil-perjodu bejn Jannar 2022 u Settembru 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12255;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2397 Tagħrif dwar chairpersons u membri ta' kull entità pubblika li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12015;

P.L. 2398 Stqarrija għall-Istampa (PR210809) bl-isem *Insaħħu lill-Ħaddiem: Roħs fil-prezz ta' 42 mediċina oħra* maħruġa mill-Ministeru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur datata 30 ta' April 2021,

Stqarrija għall-Istampa (PR180638) bl-isem *Is-Segretarju Parlamentari Deo Debattista jħabbar roħs fil-prezz ta' 23 mediċina u l-introduzzjoni ta' 15-il mediċina ġenerika ġdida fis-suq lokali* maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018 datata 26 ta' Marzu 2018,

Stqarrija għall-Istampa (PR182238) bl-isem *Parliamentary Secretary Deo Debattista announces price reductions on 23 medicines and 5 medical devices* maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u Valletta 2018 datata 17 ta' Ottubru 2018 u

Stqarrija għall-Istampa (PR190979) bl-isem *Price reductions on 29 medicines and introduction of new 14 generic medicines & 23 medicinal products of pharmacotherapeutic importance* maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Konsumatur, Indafa Pubblika u s-Sostenn tal-Belt Kapitali datata 8 ta' Mejju 2019,

bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12222;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2399 Listi li jagħtu informazzjoni dwar artijiet pubbliċi li nkrew jew li nbiegħu minn April 2017 sa Mejju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12262;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2400 Informazzjoni addizzjonali għall-mistoqsija parlamentari numru 12523 dwar l-immaniġġjar tat-traffiku u dwar is-sigurtà tal-"pedestrians" għall-proġett tal-eks Mistra Village fix-Xemxija, li tweġiba għaliha ngħatat fis-seduta 158 tat-23 ta' Ottubru 2023; u

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2401 Tabella li tagħti informazzjoni dwar żviluppi li l-permess tagħhom kien revokat jew annullat fil-perjodu bejn l-2013 u l-2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12296.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2402 Service Concession Contract bejn il-Gvern ta' Malta u Shangai Overseas Chinese Exit-Entry Service Co Ltd iffirmat fid-19 ta' Marzu 2016 rigward il-promozzjoni u l-marketing tal-Programm ta' Malta ta' Residenza u Visa (MRVP), bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12356;

P.L. 2403 Żewġ Service Concession Contracts bejn il-Gvern ta' Malta u Discus Holdings Limited iffirmati fit-23 ta' Awwissu 2016 rigward il-promozzjoni u l-marketing tal-Programm ta' Malta ta' Residenza u Visa (MRVP), bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12357; u

P.L. 2404 Service Concession Contract bejn il-Gvern ta' Malta u BT International Limited iffirmat fl-24 ta' Awwissu 2016 rigward il-promozzjoni u l-marketing tal-Programm ta' Malta ta' Residenza u Visa (MRVP), Letter of engagement mingħand Nexia BT Advisory Services Ltd lil Identity Malta Agency datata 23 ta' Ottubru 2013, Ittra mingħand Nexia BT Consulting Ltd lil Identity Malta Agency datata l-1 ta' Mejju 2014, Letter of engagement mingħand Nexia BT Group lil Identity Malta Agency datata 25 ta' Mejju 2018, Letter of service mingħand Nexia BT Advisory Services Ltd lil Identity Malta Agency datata 25 ta' Mejju 2018, Letter of engagement mingħand Nexia BT Group lil Identity Malta Agency datata 25 ta' Mejju 2018 u Letter of Service mingħand Nexia BT Advisory Services Ltd lil Identity Malta Agency datata 1 ta' Jannar 2019, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12358.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Michael Farrugia, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, irrapporta li Abbozz Nru 40 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) u l-Abbozz Nru 20 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru 2), għaddew mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**MOZZJONIJIET**

**177. ESTIMI ĠENERALI 2024 – MOZZJONI TA' PROĊEDURA DWAR ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, ippropona:

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2024 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - Interruzzjoni ta' xogħol;

Illi d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi, jew minn xi riżoluzzjonijiet oħra; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra:

(l) jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, wara nofsinhar, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern; u

(2) l-aġġornament ma jitteħidx.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR GVERN LOKALI – ABBOZZ NRU 71**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Gvern Lokali, Kap. 363"..

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Michael Falzon, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Katya De Giovanni għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Bernice Bonello għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Katya De Giovanni, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2405 Karikatura (cartoon) li dehret fil-ħarġa tal-gazetta *The Sunday Times* tal-15 ta' Ottubru 2023; u

P.L. 2406 Karikatura (cartoon) li dehret fil-ħaġa tal-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* tal-15 ta' Ottubru 2023.

Fis-6.43 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru 2) | Tielet Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Ryan Callus u mill-Onor. Eve Borg Bonello.

Fis-7.11 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**